# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 01

**5.00p.m 02 ta' Lulju 2024**

### Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

### Assenti b'Apoloġija

Ma kien hemm ħadt assenti

### Assenti

Ħadt

### Uffiċċjal Preżenti

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier Dominic Spencer fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs.

## 01.1 Aċċettazzjoni/Ġurament ta' ħatra ta' Sindku

Il-Kunsillier Dominic Spencer beda' bl-ewwel item fuq l-Agenda billi indirizza lis-Si bis-silta li jmiss;

*Inti, Sur Luke Farrugia, li gejt elett bħala Kunsillier bl-aktar ammont ta' voti f'isem il-Partit Laburista li kiseb il-maggoranza tal-voti fil-Kunsill Lokali Marsa, hekk kif indikat fil-gazetta tal-gvern. Taċċeta il-kariga ta' Sindku ta' l-Marsa skont Kapitolu 363 Att dwar il-Gvern Lokali, Taqsima III,Art. 25(I)*

Is-Sur Luke Farrugia aċċetta din il-kariga.

## 01.2 Aċċettazzjoni/Ġurament tal-ħatra ta' Viċi Sindku

Il-Laqgħa tkompliet mis-Sindku Luke Farrugia, billi indirizza lis-Sur Josef Azzopardi bis-silta li jmiss;

*Inti, Sur Josef Azzopardi, li gejt elett bħala kunsillier f'isem il-Partit Laburista li kiseb il-maġġoranza tal-voti fil-Kunsill Lokali Marsa, hekk kif indikat fil-gazetta tal-Gvern. Taċċetta il-Kariga ta' Viċi Sindku ta' l-Marsa skont Kapitolu 363 Att dwar il- Gvern Lokali, Taqsima III,Art. 25(II)*

Is-Sinj. Viċi Sindku Josef Azzopardi aċċetta din il-kariga.

Is-Sindku irringrazzja lil Viċi Sindku u Kunsilliera presenti u tenna li flimkien magħhom ser ikun qiegħed jara li il-bżonnijiet ta' residenti u il-miri għal ambjent madwar il- lokalita tal-Marsa jintlaħaq fil-ħames snin li ġejjien.

## 01.3 Tqassim tar-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera

Is-Sindku Luke Farrugia għamel referenza għall-Artiklu 33A tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363) kif ġej: '*33A. (1) Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali li ssir wara l-elezzjoni, is-Sindku għandu jassenja lil kull kunsillier xi waħda mir-responsabbiltajiet elenkati fl-Erbatax-il* Skeda. Huwa tenna li kien bagħat ikkomunikat lil Kunsilliera dwar it-tqassim ta' responsabbiltajiet fejn ġie stabbiliet kif ġej:



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

| | |
|---|---|
| L-Indafa | Sindku Luke Farrugia, Kunsilliera Dominic Spencer u Anthony Meilak |
| L-Infrastruttura | Sindku Luke Farrugia u Kunsillier Anthony Meilak |
| Proġetti | Sindku Luke Farrugia |
| L-Ambjent | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Gloria Aquilina |
| L-Edukazzjoni | Kunsilliera Joseph Scerri |
| Komunitajiet | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Anthony Meilak |
| L-innovazzjoni | Kunsilliera Anthony Meilak u Kunsilliera Luke Farrugia |
| Il-Kultura-għaqdiet u attivitajiet | Kunsillier Dominic Spencer |
| L-integrazzjoni Soċjali | Sindku Luke Farrugia, Kunsilliera Dominic Spencer u Gloria Aquilina |
| Il-Qasam Soċjali | Kunsilliera Gloria Aquilina |
| Iż-żgħażagħ u Tfal | Sindku Luke Farrugia |
| Il-Ħarsien tal-Annimali | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Gloria Aquilina |
| Sport u Attivitajiet Fiżiċi | Joseph Cachia u Dominic Spencer |
| Anżjani | Kunsilliera Anthony Meilak u Sindku Luke Farrugia |
| Sigurta | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Joesph Scerri |
| Ġemelaġġi | Kunsillier Dominic Spencer |
| Ġonna Soft Areas | Kunsillier Dominic Spencer u Sindku Luke Farrugia |
| Stazzjon tat-tramm, tlestija ta'Ġnien Spencer u l-kmamar tal-open center . | Viċi Sindki Josef Azzopardi |

## 01.4 Item:Trasport għat-tfal li jattendu skola Sajf

Is-Sindku informa li numru ta' ġenituri li jattendu skola sajf esprimew ix-xewqa li il-kunsill jikkordina trasport għat-tfal tagħhom. Dan l-objettiv ukoll ikun qed jonqos it-traffiku madwar il-lokalita tal-Marsa. Tqajmet diskussjoni dwar jekk jistax issir użu mill-vann tal-Kunsill. Il-kunsillier Dominic Spencer tenna li l-vann tal-Kunsill qed jintuża għal bżonnijiet li jkollhom l-anzjani Marsin u jkun ftit diffiċli sabiex is-sewwieq jilħaq ma l-trasport ta' l-anzjani u tfal ta' skola sajf. Huwa sostna li l-vann kien nxtara min fondi speċifiċi relatata ma skema u il-kunsill kien obbligat li il-vann jintuża skont il-proġett li applika għalih . Għalhekk il-kunsillier Dominic Spencer informa li kien qed jastjeni min din id-deċiżjoni. Is-sindku esprima ħsieb tiegħu dwar x'possibbiltà hemm sabiex dan it-trasport jiġi provdut. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera presenti kien hemm qbil illi Sindku flimkien ma Deputat Segretarju Eżekuttiv jitkellmu ma l-accountant tal-Kunsill sabiex jassiguraw li hemm fondi sabiex tinħareġ sejħa sabiex jiġi provdut dan it-trasport. Ġie deċiż ukoll li sejħa tinħareġ u deċiżjoni jekk hux ser jiġi provdut dan it-trasport tittieħed waqt il-laqgħa li jmiss.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

## 01.5 Aġġornament għad-data tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa Numru 01 ġiet aġġornata għal Ħamis 18 ta' Lulju 2024 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u online.

## 01.6 Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia<br>Sindku | Mariella Strout<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*